**STQARRIJA QUDDIEM IL-PUBLIC ACCOUNTS COMMITTEE DWAR IL-FUEL PROCUREMENT**

**ONOR. TONIO FENECH**

**13 MEJJU 2015**

Dan ir-Rapport li għandna quddiemna jiffoka speċifikament fuq l-erba' snin bejn l-2008 u l-2011. F'dan il-perjodu, kont il-Ministru tal-Korporazzjoni Enemalta minn Marzu 2010 u l-2011 u għaldaqstant ser nillimita l-osservazzjonijiet tiegħi għal dan il-perjodu.

Sirt Ministru responsabbli mill-Enemalta fir-*reshuffle* li kienet saret f'Marzu 2010. Dak iż-żmien kont Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investment u fit-tibdiliet li saru mil-Prim Ministru Gonzi kont ġejt mitlub nerfa' r-responabbilità tal-Enemalta, il-Water Services Corporation u l-Airmalta waqt li neħħi mir-responsabilitajiet tiegħi l-Artijiet u n-Negozji ż-Żgħar.

Speċifikament fuq l-Enemalta, u mhux tant inqas fuq l-Airmalta, il-Gvern kien qiegħed jaffaċċja sfidi kbar.

Il-Korporazzjoni mhux biss kellha diffikultajiet finanzjarji minħabba r-realtajiet ta' prezzijiet għolja taż-żejt, fejn l-Enemalta kienet qed issib ruħha tixtri ż-żejt anke b'US$ 106 il-barmil, imma kienet għaddejja minn proċess ta' ristrutturar kbir kemm intern kif ukoll fin-numru ta' proġetti li kienu jew bdew jew qed jiġu mfassla u li kienu kritiċi biex is-sistema ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni tal-elettriku tkun aktar effiċjenti biex b'hekk tagħti l-orħos prezz tal-enerġija lil poplu Malti u Għawdxi:

- Ir-realtà ta' prezzijiet għoljin taz-żejt u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu ta' tħassib kostanti għax l-Enemalta kienet qed tagħmel telf ta' madwar 60 sa 70 miljun ewro fis-sena minħabba ż-żieda fil-prezz taż-żejt, li l-Gvern ħass li ma setax ikompli jgħaddi fuq il-konsumatur u l-industrija.

- L-introduzzjoni tas-sistema tal-iSmart Meters u *revenue management system ġ*dida u t-twaqqif ta' entità ġdida bl-isem ta' ARMS Limited, bil-għan li jkollna kontroll aħjar ta' dak li kienet qed tbiegħ f'enerġija l-Korporazzjoni biex b'hekk jitnaqqas b'mod drastiku s-serq tal-elettriku u tagħti lil familji sistema li jistgħu jikkontrollaw il-konsum tagħhom aħjar.

- Il-bini tal-Power Station ġdida f'Delimara, li kellu jwassal biex jinbeda l-proċess biex tkun tista' tingħalaq dik tal-Marsa u li kellha żżid l-effiċjenza tal-ġenerazzjoni bid-doppju, tant li, l-ex-Executive Chair, is-Sur Louis Giordimaina kien stqarr quddiem din il-Kamra li l-impjant tal-BWSC kien qed jiffranka lil Korporazzjoni mal-miljun ewro fis-sena. Mhux ta' b'xejn li mill-Korporazzjoni sħiħa dan kien l-impjant li riedu jixtru ix-Shangai Electric, u li bil-bejgħ ta' dan l-impjant tnaqqas id-dejn tal-Enemalta.

- Il-proċess marbut mal-Interconnector bejn Malta u Sqallija. F'dan il-perjodu kellha ssir il-pjanifkazzjoni kollha, b'ko-ordinazzjoni mal-Gvern Taljan u l-Awtoritajiet fi Sqallija, sar il-proċess tat-tender li kien ġie konkluż sena qabel l-elezzjoni u kien beda x-xogħol ta' *civil works* f'Malta u l-produzzjoni tal-*cable* barra min Malta. Nieħu gost li nara dan il-proġett lest minkejja l-ftaħir ta' dan il-Gvern li qisu għamlu hu. Dan kien il-proġett primarju li wassal biex dan il-Gvern ikun possibbli ghaliħ jagħlaq il-Marsa u jraħħas il-kontijiet, proġett mill-bidu sal-aħħar tal-Partit Nazzjonalista fil-Gvern u li l-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien immexxija minn Joseph Muscat kienet konsistentement kontra. Suppost il-kontijiet raħsu bil-Power Station ġdida bil-gass li kellha tinbena f'sentejn u mhux wara sentejn u nofs għadha ma ratx wiċċ ix-xemx. Tajjeb wieħed jgħid ukoll li l-prezzijiet taż-żejt illum huma ta' $45-$60 il-barmil mhux il-medja ta' $80-$120 il-barmil li kellna fil-perjodu li qed nitkellmu dwaru *(ara tabella paġna 206 tar-rapport).*

- Il-preparazzjoni għall-qalba għall-gas: Kuntrarju għar-retorika qarrieqa ta' l-Oppożizzjoni ta' dak iz-zmien, il-Gvern Malti kien beda il-proċess biex ikollna l-infrastruttura għall-gas u dan b'finanzjament sostanzjali mil-Unjoni Ewropea. Kien għalhekk li meta ħareg it-tender tal-BWSC kondizzjoni kienet li l-impjant il-ġdid ikun jista' jinqaleb għall-gas. Dak iż-żmien l-Oppożizzjoni kienet qaltilna għaliex ma qlibniex mill-ewwel u aħna dejjem sostnejna li trid iż-żmien u l-finanzjament, finanzjament li konna diġà kommessi li jkollna mill-Ewropa. Dak in-nhar l-Oppożizzjoni daħqet bina u qalulna li ma għandiex immorru għal *pipeline* għax dan ried ħames snin iżda li kellna mmorru għal sistema oħra bil-vapuri li titlesta f'sentejn. Illum il-Gvern ġie fi kliemna. Iż-żmien li ser joħodlu dan il-proġett mhux sentejn imma erbgħa, min jaf, forsi ħamsa, daqs li kieku

morna għal pipline u ma kienx ikollna l-froġa ta' tanker enormi bil-gass f'nofs il-bajja ta' Marsaxlokk bil-perikli li dan iġib miegħu.

- Investiment ta' madwar Euro 70 miljun fis-sistemi ta' distribuzzjoni, inkluż l-implimentazzjoni tas-sistema Scada.

- Inpoġġu fuq qagħda aktar stabbli s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Enemalta. Il-Korporazzjoni riedet tagħmel investiment ġdid li madankollu ma kellhiex il-flus għalih. Hawn irrid ngħid li d-dejn ta' l-Enemalta qatt ma kien ta' 850 miljun kif diversi drabi irrepeta dan il-Gvern biex jiġġustifika l-istrateġija tiegħu. Id-dejn l-antik tal-Enemalta kien ta' madwar 320 miljun. Dan kien previst li jiżdied bi Euro 450 miljun minħabba l-bini tal-Power Station ġdida f'Delimara (€175m), l-investiment fid-distribuzzjoni (€70m) u l-interconnector (€200m). Permezz ta' vikolu finanzjarju li nħoloq bl-approvazzjoni unanima fil-Parlament fil-leġislatura li għaddiet id-dejn antik kien ġie *scheduled* b'mod li tiflaħ għalih il-Korporazzjoni u li ppermetta li l-Korporazzjoni tkompli tagħmel l-investiment tagħha mingħajr ma tgħolli l-Kontijiet tad-Dawl u l-Ilma aktar u tkun tista' tħallas ukoll dan id-dejn fuq perjodu twil ta' zmien. Kieku l-Gvern jippublika l-Accounts tal-Enemalta għall-2012 u 2013 dan kollu joħroġ biċ-ċar.

Hawn irrid nagħmel parenteżi dwar il-ħrafa ta' dan il-Gvern li jien kont lest inbiegħ lil Enemalta għal ewro. Irrid ngħid li anke li temmen li jien għamilt asserzjoni li lest inbiegħ l-Enemalta għal ewro, din turi d-dilettanttiżmu ta' dan il-Gvern li lest jemmen u jispinja kollox basta jirbaħ il-battalja propogandistika u jiskuża l-falliment tiegħu. Kieku veru li l-Enemalta għandha dejn ta' Ewro 850 miljun kif irrepeta kemm il-darba dan il-Gvern, kieku jekk xi ħadd jgħidli "agħtini ewro u neħodlok din il-kumpanija bid-dejn kollu tagħha", dak il-persuna ikun ħallasni 850 miljun ewro.

Il-problema hi li ċ-Ċiniżi l-anqas ewro ma tawna.

- Xtraw l-impjant tal-BWSC għal Ewro 150 miljun
- U tawna Ewro 100 miljun ghal 33% porzjon tal-Enemalta
- Min naħa l-oħra lill-kumpanija taċ-Ċiniżi, għaddejnilha l-proprjetà li kienet qed tagħmel tajjeb għad-dejn tal-passat mil-Vejikolu li konna ħloqna biex nagħtuhom art b'kemm tawna flus. Dawn sinjuri ma

tawna xejn. Dawn ħadu aktar mill-ewro li skond intom kont lest nieħu basta jieħdu d-dejn kollu fuqhom. Dawn ma ħadu xejn mid-dejn, dawn ħadu l-impjant tal-BWSC, diversi proprjetajiet li kienu tal-Enemalta li salum il-Gvern jibqa' jgħidilna bil-pezzi bokkuni x'inhuma – wara li l-Oppożizzjoni tagħmel ir-riċerka tagħha. Sal-lum l-anqas il-prezz tal-elettriku mix-Shangai Electric u l-ElectroGas ma nafu u taħt liema kondizzjonijiet għax il-kuntratti tax-xiri tal-elettriku għadhom ma ġewx ippublikati kif kien imwiegħed.

- Kien hemm ukoll il-proċess tar-ristrutturar tal-Enemalta, inkluż id-diskussjonijiet mal-Union li kienet tirappreżenta lill-ħaddiema.

Hawn irid niċċara ftit is-sitwazzjoni li kien tkellem dwarha is-Sur David Spiteri Gingell, fejn bħal donnu quddiem dan il-Kumitat ġie bl-intenzjoni li jeżonora ruħu minn kull responsabbiltà għax jgħid li ma ġiex mogħti n-nies biex jaħdem.

Irrid nibda biex ngħid li bħal kull entità, il-Gvern għandu l-istrutturi ta' *checks and balances.* Meta niġu għan-nefqa pubblika, almenu fil-Gvern li kont nagħmel parti minnu jien, ċertu nfieq lil hemm mil-budget approvat, kemm jekk proġetti kapitali jew żieda fir-reklutaġġ ta' impjegati riedet l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Awtoritajiet, Korporazzjonijiet u Entitajiet Pubbliċi oħra kienu wkoll taħt din id-dixxiplina.

Il-proċess kien jitlob li ssir talba formali lill-Ministeru tal-Finanzi u magħha tiġi annessa ġustifikazzjoni finanzjarja. Kien normali li t-talba tiġi *challenged* la darba qed issir lil hinn mil-Budget u din kienet tiġi *challenged* fuq livell ta' servizz publiku biex nassiguraw li tassew in-nefqa hi meħtieġa u tilħaq l-iskopijiet li ghaliha qed issir it-talba.

Normalment kienu jsiru numru ta' laqgħat bejn d-diriġenza tal-entità u l-uffiċjali tal-Ministeru tal-Finanzi responsabbli sal-livell tas-Segretarju Permanenti. Fejn ma jaslux ghal deċiżjoni, kienet titla' fuq livell Ministerjali bl-aħħar deċiżjoni iva kienet tispetta lili. Fiż-żmien is-Sur Spiteri Gingell dan il-proċess kien beda, niftakar li ma kienux waslu għal ftehim fuq livell tekniku għax il-Ministeru tal-Finanzi kien qed jara it-talba fiċ-ċirkostanzi esaġerata. Tajjeb ngħid li t-talba kienet għal xi 10 Chief Officers, u madwar 45 *management position* ġodda u *support staff* għal dawn il-pożizzjonijiet, b'nefqa gdida ta' madwar Euro 4.5 miljun.

Kont irċivejt e-mail mill-Ministru Gatt jitlobni li nidħol personalment. Wara li tlabt lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi għal update, nistqarr li t-talba ma sabet l-ebda simpatija partikolari għaliex l-istruttura mitluba kienet waħda esaġerata u li biha kien ikollna aktar *chiefs* milli *indians* f'mument meta n-nies kienu qed jħarsu lejn l-Enemalta b'mod negattiv minħabba l-kontijiet għoljin u bir-raġun kienu jistaqsu jekk ma għolewx il-kontijiet biex inqassmu il-*well paid jobs.*

Personalment kont għamilt evalwazzjoni tat-talba u approvajna talba limitata abbażi ta' 6 chief officers u jidhirli nofs il-*management positions* mitluba. Irrid ngħid li wara li ġie ngaġġat is-Sur Louis Giordmaina bħala Executive Chairman, huwa kien talabni biex jagħmel ċertu tibdiliet għaliex ma fehmx il-ħtiega ta' *management structure* daqshekk kbira.

Id-deċiżjoni tal-Finanzi m'għoġbitx lis-Sur Spiteri Gingell, li sussegwentament kien kiteb e-mail lil Ministru Gatt li tgħid li jew il-Finanzi japprova t-talba oriġinali tiegżu jew jirreżenja, u niftakar il-Ministru Gatt laqa' r-riżenja tiegħu.

Fuq livell ta' diriġenza tal-entità meta sirt Ministru responsabbli mil-Enemalta, fl-ewwel laqgħa li kelli maċ-Chairman tal-Korporazzjoni dak iż-żmien is-Sur Alex Tranter, hu kien informani bix-xewqa tieghu li ma jibqax fit-tmexxija minħabba li kellu opportunità ma' entita' barra minn pajjizna u li hu xtaq isegwi. Konna ftehmna li kellu jibqa' għal sitt xhur biex inkun nista' nsib il-persuna idonja u tal-esperjenza u l-kompetenza meħtieġa li terfa' din ir-responsabbilità.

Irrid ngħid li din it-tfittxija ma kinitx waħda faċli u kont offrejt din il-kariga lil diversi persuni li pero' minħabba l-impenn mitlub minn Chairman kif ukoll l-*exposure* politiku negattiv (pożizzjoni dejjem taħt l-attakk) ma aċċettawx l-istedina. Meta ġie biex jagħlaq il-perjodu ta' sitt xhur kont tlabt lid-Deputy Chairman is-Sur Edmond Gatt Baldacchino (persuna li kont offrejt il-kariga iżda minħabba raġunijiet familjari ma setax jaċċetta) biex jassumi il-pożizzjoni ta' Acting Chairman għal 6 xhur. Dak inhar kont elevajt lil Membru tal-Bord is-Sur William Spiteri Bailey biex jassumi r-rwol ta' Deputy Chairman li kien aċċetta. Sussegwentement fl-1 ta' Jannar 2011 kien sar Chairman sakemm kien aċċetta il-kariga ta' Executive Chairman is-Sur Louis Giormaina.

F'waħda mil-ewwel diskussjonijiet li kelli mas-Sur Baldacchino u s-Sur Spiteri Bailey kont tlabthom li jagħmlu *review* tal-proċess tax-xiri taż-żejt, dan

minħabba l-importanza ta' dan il-komponent fl-ispiża tal-Enemalta u l-impatt dirett li kien qed ikollu fuq il-prezz tal-kontijiet tad-Dawl u l-Ilma.

Dan il-proċess kien tlesta sal-bidu ta' Jannar 2011 kif jikkonferma fir-rapport tiegħu l-Awditur Generali. Nikkwota konklużjoni 8. Paġna 11: *"From an essentially strategic perspective, NAO's primary concern with respect to the operations of the Fuel Procurement Committee centres on the fact that no policy framework was in place during the period 2008 up to end 2010. Prior to the formulation of the Corporation's Fuel Procurement Policy in January 2011, Enemalta's fuel procurement function was operating in a vacuum".*

Irrid ngħid li waqt li napprezza l-kumment pożittiv tal-Awditur, irrid ngħid li ma naqbilx sa barra li kien hemm *policy vacuum* dwar ix-xiri taż-żejt.

Il-Policy forsi ma kinetx formalment dokumentata, u seta' kien hemm x'wieħed jirranġa, pero' kien hemm policy ċara. Ix-xiri taż-żejt kellu jassigura stabilità fil-prezz, mingħajr ma nidħlu f'riskji spekulattivi, u fejn hu possibbli nieħdu protezzjoni permezz ta' hedging. Id-deċiżjonijiet ma jittieħdux minn persuna waħidha, tant li kienu twaqqfu żewg kumitati wieħed għal hedging u l-ieħor għax-xiri taż-żejt. Dawn il-Kumitati kienu stabbiliti formalment mill-Bord u l-membri appuntati mill-istess Bord. Ix-xiri kellu jsir meta il-kumitat jiltaqa', id-diskussjonijiet kienu jsiru mil-kumitat kollu u n-negozjati bil-miftuħ quddiem il-kumitat kollu preżenti. Kien hemm proċess ta' bidding, sistema ta' e-mail account kontrollata mill-MITTS (illum MITA) biex jirċievi l-offerti eċċ. Dan għalija kien il-policy framework li sibt meta sirt Ministru responsabbli mill-Enemalta fit-2010 meta jien għamilt il-mistoqsijiet tiegħi dwar kif kien qed isir il-proċess ta' xiri.

Li ma kienux qed jinżammu minuti, u għalija aktar importanti, li wieħed ma kienx jista b'mod independenti jifhem certu deċiżjonijiet għax dawn ma kienux dokumentati kif hu mistenni naqbel li mhux *good governance*. Dan hu deplorabbli u hawn irrid ngħid ma naċċettax l-iskuża li ħareġ biha s-Sur David Spiteri Gingell meta qal li dan ġara għax ma ngħatax in-nies li kellu bżonn.

Waqt li dwar din il-materja diġà tkellimt aktar qabel, naħseb kulħadd jifhem li wieħed ma jridx struttura ta' mitt ruħ biex jinżammu minuti ta' laqgħa ta' Kumitat li ma kienx jiltaqa' aktar minn 7 sa 9 darbiet fis-sena. Kull ma ried jara is-Sur Spiteri Gingell fir-rwol tiegħu ta' CEO kienet li jew jieħu l-minuti hu jew iqabbad uffiċjal tal-korporazzjoni biex iżomm il-minuti u jinżamm *file* organizzat kif suppost.

Madankollu li żżomm minuti u file organizzat mhux garazija ta' trasparenza u kontabilità kif rajna f'dawn l-aħħar xhur fejn il-Ministru responsabbli mill-Enemalta, kontra kull preċedent u norma ta' *public procurement*, ta' struzzjoni lil Korporazzjoni biex tixri minn kumpanija tal-Ażerbajġan bl-iskuża li din ser tagħtina prezz irħas.

Dan hu żgur każ ħafna aktar serju ta' indħil milli direzzjoni li kellu kull dritt jagħti il-Ministru Gatt, liema direzzjoni kienet li malli jintlaħaq il-livell ta' prezz li jassigura li l-kontijiet jistgħu jigi sostnuti mingħajr telf, il-Korporazzjoni ma tilgħabx mal-ispekulazzjoni u tillokkja il-prezz.

Meta xi ħadd jibagħtek tixtri minn għand xi ħadd li kumbinazzjoni offra prezz aħjar minn prezz maqbul wara l-għeluq tal-offerta, dan ħafna drabi jiġri jekk dak ix-xi ħadd jingħata l-*insider information* meħtieġa dwar *specificiations*, kwantitajiet, konsenji u prezzijiet offruti, informazzjoni u dettalji li kumpaniji oħra kellhom jikkompetu bihom u ma kellhomx aċċess ta' x'offra ħaddieħor.

Din aġevolazzjoni *unfair* lil l-kumpanija li l-anqas daħlet fil-bid, ma kinetx fil-proċess u għalhekk kontra l-offerta tagħha ma kienx hemm possibbilità li ħaddieħor jagħmel offerta aħjar.

Dan hu prekluż fit-tendering u għalija huwa serju ħafna meta qed isir fuq intervent Ministerjali wara laqgħat li saru l-Ażerbajġn li ħadd ma kien jaf li kienu qed isiru. L-offerti isiru fi *closed envelope* (jew email li hu locked) biex ħadd ma jkun jaf il-prezzijiet u l-offerti ta' ħaddiehor qabel ma' jinfetħu u fl-aħħar mument jidħol b'offerta inqas, għax għandu informazzjoni li ħaddieħor ma għandhux.

Pero' nerġa' ndur għal issue mqajjma mir-Rapport. Ma rridx ninftiehem li b'xi mod qed niskuża li ma jinżammux rekords, anzi diġà enfasizzajt li dan kien deplorevoli. Madanakollu wieħed ma jistax jibqa' jippermetti din ix-*charade* li qed issir permezz ta' dan il-Kumitat li norbtu in-nuqqas tal-minuti bħal donnu ir-raġuni għaliex saret il-korruzzjoni fis-snin li dan ir-rapport lanqas ikopri.

Wieħed tajjeb ifakkar, jissotolinja, u jenfasizza li l-każijiet kollha li tressqu mill-Pulizija fuq korruzzjoni marbuta max-xiri taż-żejt ma kienux f'dan il-perjodu li qed janalizza l-awditur imma snin qabel. Dan ir-rapport ma jikkonkludix li saret korruzzjoni minn xi persuni involuti fil-kumitati responsabli mix-xiri taż-żejt, jew minn xi politiku, u jillimita lilu nnifsu għan-nuqqasijiet amministrativi li fil-perjodu li jkopri r-rapport l-aspetti dwar ix-xiri taż-żejt gew rimedjati.

Madankollu rrid ngħid li l-kumment tal-Awditur Ġenerali, meta qal fl-10 konklużjoni f'paġna 11 kien tassew *unfair*. Dan qal, "This notable improvement in terms of record keeping and documentation of decisions taken closely coincides with the commencement of this audit." – Dan mhux minnu.

- It-tibdiliet saru f'Jannar 2011 kif jgħid l-istess l-Awditur f'konklużjoni 8, fil-fatt il-Policy kienet ġiet ippublikata fis-26 Jannar 2011 (kif ikkonfermat f'paġna 73 para 2.1.1 u li kompliet tiġi aġġornata sal-26 ta' l-Lulju 2011).

- l-Onor. Leo Brincat kien għamel it-talba għal investigazzjoni fis-27 ta' Gunju 2011 (għal perjodu 2008 – 2013) – sitt xhur wara.

- L-audit beda skond paġna 60 para 1.4.1 lejn l-aħħar tal-2011, meta t-tibdil l-Awditur jirrikonoxxi li beda jinħass mill-ewwel laqgħa li saret fit-12 ta' Mejju 2011 minn meta idaħħlu l-proċeduri ġodda. L-istess rapport jgħid f'konklużjoni 13 "Real and tangilble progress was subsequently registered from mid-2011 onwards (speċifikament il-Kumitat li ltaqa' fit-12 ta' Mejju), and this scenario, here defined as the second improvement to the Committee's modus operandi, represents a positive sense of progress that is hereby acknowledged by this Office."

- Qabel it-12 ta' Mejju kien hemm laqgħa waħda biss li kienet fit-18 ta' Jannar 2011 qabel mal-policy kienet inħġarġet. Mela kieku kien hemm ħtiega li jiltaqa' qabel il-progress kien jiġi innotat qabel it-12 ta' Mejju – referenza tabella 4 f'paġna 76.

- Dan ifisser li *by the time* li saret it-talba u l-Awditur beda jinvestiga it-tibdiliet kienu diġa saru.

Kien hemm inizjattivi oħrajn li ttieħdu dak iż-żmien li ir-rapport tal-Awditur ukoll jirrikonoxxi meta r-rapport jinnota r-*restructuring* tad-Dipartiment tal-Finanzi f'paġna 50 1.2.8, li introduċa il-kuncett ta' *Risk Management function* fid-diviżjoni, propju biex insaħħu l-governanza u kontroll fuq l-entità.

**Konklużjoni**

Mhux veru li kien kemm xi pjan ta' Gvern li ried jibqa jixtri il-fuel biex jaġevola xi importaturi. Fl-aħħar mill-aħħar żejt jew gass ta' ħadd ma għandu tiegħu u fl-aħħar mill-aħħar l-istess aġenti u fornituri jaħdmu fiż-żewg setturi.

Il-Gvern mhux biss kien beda il-process biex jaqleb għall-gass imma anke investa fl-Interconnector li jekk xejn dan ma jqalla ebda ewro lill-ebda intermedjarju fiż-żejt jew il-gass għax qed nixru l-elettriku dirett. Għalhekk kieku kienu jeżistu tali interessi kienu jopponu l-interconnector tad-dawl u mhux ix-xiri tal-gass li setgħu jipparteċipaw fih bl-istess mod li kienu jipparteċipaw fiż-żejt.

Ir-rapport mhux biss ma jibgħatx messaġġ li dwar ix-xiri taż-żejt kien hemm xi forma ta' korruzzjoni iżda minflok jirrikonoxxi li n-nuqqasijiet amministrativi li innota fil-proċess ġew rimedjati sal-bidu tal-2011.